

L-istudjuż ta' l-istorja, **Dr. Joseph F. Grima** jgħinna nsiru nafu aktar min kien...

# Il-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca

Aħna u neżlin mill-Ħamrun lejn Ħal Qormi, fir-*roundabout* quddiem il-birrerija tal-*Lowenbrau,* insibu statwa fil-bronż tal-Gran Mastru Pinto qisu qed jintroduċi l-Belt Pinto lill-viżitatur. Naħseb li aħna l-Qormin ilkoll nafu r-rabta ta' bejniethom, jiġifieri li, fuq talba li kienet saritlu mill-Kappillan ta' Ħal Qormi ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Vella, Pinto għoġbu jagħti ismu lil dan ir-raħal għażiż tagħna. Hi rabta kbira; rabta li ilha teżisti mill-1743, jiġifieri 265 sena. Rabta li kemm-il darba ngħatat it-timbru uffiċjali meta 'l Ħal Qormi rreferew għalih bl-isem li tah dan il-mexxej ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Rabta li nġedduha kull sena bit-tifkira ta' *Jum Ħal Qormi* nhar il-25 ta' Mejju.

Iżda dan Pinto min kien? X'għamel b'ħajtu? Ħaqqu ġieħ jew stmerrija? Dawn huma xi ftit mistoqsijiet li tajjeb nagħtuhom tweġiba, dejjem fil-qosor, u b'hekk inkunu qed immorru lura fl-istorja ta' artna li minnha nisiltu ġrajjet raħalna; tal-belt tagħna. Għax Pinto ħakem fuq Malta għal kważi terz ta' seklu, 32 sena biex inkunu eżatti, u renju daqshekk twil bil-fors li kien imżewwaq b'kollox.

Emanuel Pinto de Fonseca, biex nagħtu ismu sħiħ, kien membru ta' familja mill-aktar nobbli tal-Portugall, iben Miguel Alvaro u Anna Teixeira. Kumbinazzjoni jum twelidu kien l-24 ta' Mejju 1681, ġurnata waħda biss qabel ma niċċelebraw *Jum Ħal Qormi*. Ta' sentejn daħħluħ fl-Ordni, sar paġġ tal-Gran Mastru Adrien de Wignacourt ta' 11-il sena, u pprofessa bħala Kavallier fl-età ta' 24 sena, lejlet l-Imnarja ta' l-1705.

Bħal kull kavallier ieħor, u li fosthom kien hemm ukoll żewġ ħutu, Pinto wettaq l-erba' karovani tiegħu fuq il-bastimenti ta' l-Ordni. Kull karovana kienet perjodu ta' sitt xhur jaqdi d-dmirijiet militari tiegħu fil-flotta. Kieku ma qediex dan id-dmir, ma kienx ikun eliġibbli għal promozzjonijiet u jingħata xi kommenda. Iżda Pinto ma baqax imsemmi bħala gwerrier eċċezzjonali. Anzi, kien pjuttost studjuż tal-Letteratura, Teoloġija, Filosofija, Ġjometrija u l-Liġi Ċivili u Kanonika. Dam aktar minn 20 sena sħaħ jaqdi d-dmirijiet ta' Viċi-Kanċellier fit-tmun tal-Kanċellerija ta' l-Ordni, laħaq Balliju, u ngħata l-Kommendi ta' Cleiros u de Fontes. B'hekk, għalkemm m'għamilx isem bħala mexxej militari jew navali bħal, ngħidu aħna, l-Kavallieri Chambray, de Grasse u de Suffren (ilkoll kontemporanji tiegħu fis-seklu 18), kiseb bosta esperjenza fil-qalba ta' l-amministrazzjoni ta' l-Ordni tiegħu; esperjenza li ssarrfet tajjeb meta laħaq Gran Mastru fl-1741 wara l-mewt ta' Raimondo Despuig.

Viżitatur Ingliż f'Malta, Patrick Brydone, iltaqa' ma' Pinto fl-1770 meta kellu 89 sena, u ddeskrivih b'dawn il-kliem: "M'għandu ebda ministru iżda jagħmel kollox hu u għandu tagħrif immedjat ta' l-aħħar okkorrenzi żgħar. Jitla' u jinżel it-taraġ u jmur il-knisja mingħajr għajnuna, u l-bixra tiegħu hi ta' wieħed li ser jgħix bosta snin." Fl-1758, meta kellu 77 sena, Pinto qara f'gazzetta Franċiża notizzja tal-mewt tiegħu stess u, biex juri lil kulħadd li hu kien għadu ħaj, mexa mill-Belt sal-Marsa, distanza ta' bejn tlieta u erba' mili. Meta l-kavallieri iżgħar minnu bdew jgħajjew u sejħu għas-suġġetti tagħhom, Pinto dar lejn ta'

madwaru u qalilhom, "Aħna xjaħna iżda qed noqtlu 'l dawn l-irġiel iżgħar minna." Is-sens umoristiku iżda sarkastiku tiegħu jidher ukoll f'episodju li seħħ lejn l-aħħar snin ta' ħajtu. Billi kien bżonn il-flus, issekwestra xi flejjes miġburin u wżati għall-quddies ta' l-erwieħ u, meta l-prokuraturi ipprotestaw, weġibhom xott xott: "Tinkwetaw xejn; jien xjaħt ħafna u dalwaqt inkun ma' l-erwieħ. Hemmhekk nispjegalhom li l-bżonnijiet tiegħi kienu akbar minn tagħhom."

Pinto kebbes ħafna emozzjonijiet kontrastanti fis-sudditi tiegħu. Hi ħaġa vera li tella' bini barokk sabiħ bħall-Kastellanija (il-bini tal-qorti ta' dak iż-żmien), il-Berġa ta' Kastilja u, importanti ħafna għall-ekonomija lokali, 19-il maħżen magħrufin bħala *l-Imħażen ta' Pinto* għat-trasbord. Għall-ewwel snin kien hawn il-prosperità u minkejja l-gwerer ma jaqtgħu xejn fl-Ewropa u l-ibħra tal-madwar inkluż fil-Mediterran, bil-makakkerija u d-diplomazija tiegħu għaraf joħroġ minn xi sitwazzjonijiet diffiċli u jtenni n-newtralità ta' l-Ordni tiegħu.

Numru ta' Maltin kienu jqisuh bniedem iebes iżda prattiku li ħa ħsieb li l-prezz tal-qamħ jinżamm baxx u li d-djun mal-*Monte di Pietà* jkunu maniġġabbli. Iżda kienu jqisuh ukoll bħala supperv, sever u ma jaħfirha lil ħadd. Numru sew ta' kavallieri tmeżmżu wkoll għax ried iwarrab kull regola li setgħet ixxekkillu l-poter tiegħu. Pinto xtaq jirrenja bħal dak li bl-Ingliż isejħulu *benevolent despot* fuq l-istil ta' bosta renjanti Ewropej, u ried jeħles mix-tixkil ta' Sqallija li ppretendiet, bir-raġun kollu, li twettaq fil-prattika s-sovranità fewdali tagħha fuq Malta. Baqa' jżomm il-kontrolli f'idejh sakemm miet u dan wassal lil wieħed viżitatur Franċiż, de la Platiere, jikteb hekk dwaru ħames snin wara mewtu: "Kien mingħajr użanzi tajbin, mingħajr deċenza, ma kien jistma xejn; qaleb ta' taħt fuq l-affarijiet ta' l-Ordni, irvina t-Teżor ta' l-Università u awtorizza kull tip ta'




*Il-monument ta' Pinto fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta.*

serq, debuxxjar u brigandaġġ." Meta, aktar 'il quddiem, l-Ordni falla finanzjarjament, Pinto weħel b'kollox tant li Ovid Doublet akkużah bħala l-ħtija tal-vizzji u l-indixxiplina tal-Kavallieri.

Imma tassew kienu hekk l-affarijiet? Inħobbu ngħidu bil-Latin, *In medio stat virtus*, u naħseb li dan il-kliem nistgħu napplikawh b'xi mod għal dan il-każ, jiġifieri li l-verità kienet x'imkien lejn in-nofs taż-żewġ estremi. Pinto ma jidhirx li kien wisq laxk fil-ħajja personali tiegħu u l-osservanzi reliġjużi kien jaqdihom kollha skond ir-regola. Hu magħruf, biex nagħtu eżempju li, meta kellu 84 sena, baqa' wieqaf tul il-qari kollu tal-Passju fil-quddiesa ta' Ħadd il-Palm. Iżda kien iħobb jgħix tajjeb, fil-lussu u bil-pompi u ċ-ċeremonjali kollha. Kien ukoll ambizzjuż ħafna u kienet din l-ambizzjoni tiegħu personali li wasslet biex tnaqqar is-saħħa finanzjarja ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Minkejja l-limitazzjonijiet ta' l-Ordni u ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin, l-ambizzjoni ta' Pinto wasslitu biex iqis ruħu daqs is-slaten Ewropej u biex bħal kieku jenfasizza din il-pretensjoni, beda jġib il-kuruna magħluqa tas-slaten fuq l-arma ġentilizzja tiegħu. Ippretenda li jieħu l-gżira ta' Korsika qabel din għaddiet f'idejn Franza u wasal biex kisirha ma' Sqallija biex isostni s-sovranità ta' l-Ordni. Keċċa lill-Ġiżwiti minn Malta biex jieħu ġidhom iżda l-Papa ma ħalliehx juża l-proprjetà tagħhom ħlief għall-edukazzjoni u allura waqqaf l-Università ta' Malta li għadha topera sal-lum.



*Altoriljev tal-Granmastru Pinto – xogħol l-artist Qormi Stephen Borg u li se jkompli jsebbaħ il-faċċata tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Pinto.*

Żmien Pinto kellu l-importanza tiegħu fil-kamp artistiku fejn ħadem ħafna xogħlijiet pittoriċi l-magħruf pittur Franċiż Antoine Favray. Fost l-artisti Maltin spikka l-aktar Francesco Zahra li f'Ħal Qormi hawn xogħlijiet tiegħu, kemm fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kif ukoll fil-privat. Fil-mediċina spikka l-aktar Michelangelo Grima li kiteb ukoll diversi kotba dwar mediċina u kirurġija, filwaqt li, fil-kamp ta' l-arkitettura, ipproduċa xogħlijiet barokki mill-isbaħ il-perit Malti Andrea Belli.

Fi żmien Pinto baqgħu jissemmew ukoll il-ħtif tax-xwieni *Lupa* fl-1748 u tal-*Corona Ottomana* fl-1760. Ta' l-ewwel għal daqsxejn ma swietlux qares meta ħelisha ħafif is-sena ta' wara fil-komplott ta' l-ilsiera mħejji għall-Imnarja. Kien ħalla l-mexxej Tork tal-*Lupa* jibqa' jgħix Malta u dan, minkejja li tgħammed (għall-konvenjenza), ħejja pjan biex jinqatel il-Gran Mastru u tinħataf Malta. Kienet pjuttost b'kumbinazzjoni li nkixef il-komplott permezz ta' suldat Malti u wieħed Lhudi. Il-*Corona Ottomana* kien xini kbir u rikk ħafna li Pinto kellu jirritornah litteralment fuq l-amar ta' Franza li ma riditx tippreġudika l-interessi kummerċjali tagħha minħabba l-kriżi li nqalgħet b'dan il-ħtif, għalkemm il-kumpens li ħadet l-Ordni ma kienx żgħir lanqas. Dan jurina, li minkejja l-pretensjonijiet tiegħu, Pinto kien ikun kostrett jaċċetta dak li kienu jgħidulu l-potenzi Ewropej, b'mod speċjali Franza li kellha saħħa ekonomika kbira fuq l-artijiet li l-Ordni ta' San Ġwann kellha f'dak il-pajjiż.

L-aħħar snin ta' Pinto, qabel miet f'Jannar ta' l-1773 fl-età ta' 91 sena, kienu iebsin

l-aktar minħabba l-fatt li l-ħajja għoliet riżultat tal-prezz għoli tal-qamħ. Iżda minkejja d-difetti tiegħu, lil Pinto ma nistgħux naqbdu nikkundannawh mingħajr ma nqisu sew iż-żmien li fih kien jgħix. Biex tifhem kif jaġixxi l-bniedem fl-Istorja, trid l-ewwel tgħarbel u tifhem żminijietu għax, f'kull perjodu ta' snin, in-nies kienu jaraw u jqisu l-affarijiet minn lenti ferm differenti minn tal-lum. U dan jgħodd ukoll għal Pinto, l-Ordni tiegħu u wkoll għal Malta fis-seklu tmintax. Ħarsa leġġera lejn l-Ewropa ta' dak iż-żmien dlonk turik li Pinto kien biss rifless ta' l-andament ta' l-affarijiet Ewropej fit-tieni nofs tas-seklu tmintax. Kien iż-żmien li fl-aħħar wassal għar-Rivoluzzjoni Franċiża, li għalkemm seħħet fl-1789, kellha l-għeruq tagħha fl-għexieren tas-snin li kienu ġew qabel.

Ir-rabta tagħna miegħu x'aktarx kienet biss fl-għoti ta' ismu lil Ħal Qormi, it-Tribuna li tfakkar meta għalaq 31 sena Gran Mastru, u wkoll għax kellu xi żwiemel tiegħu fi stalel ġor-razzett kbir u sabiħ li darba kien jeżisti ħdejn it-Tribuna.

U aħna ... aħna l-Qormin, x'għandna li jfakkarna f'Pinto? Tassew li r-rabta tagħna miegħu x'aktarx kienet biss fl-għoti ta' ismu lil Ħal Qormi, it-Tribuna li tfakkar meta għalaq 31 sena Gran Mastru, u wkoll għax kellu xi żwiemel tiegħu fi stalel ġor-razzett kbir u sabiħ li darba kien jeżisti ħdejn it-Tribuna u li bi sfortuna, twaqqa' biex l-art ingħatat għall-bini. Ovvjament, għandna Triq Pinto, każin tal-banda li jġib ismu, statwi tal-festi, l-arma ta' Ħal Qormi, xi djar u xogħlijiet artistiċi ta' żmienu li lkoll għandhom ifakkruna fih. Minn ftit snin ilu 'il hawn għandna wkoll l-istatwa sabiħa li semmejna aktar 'il fuq, xogħol l-iskultur bravu Malti Ġanni Bonnici, li donnha qegħda tħares lejn dan ir-raħal tagħna u lilna tgħidilna: "Ftakru, ja Qormin, li beltkom iġġib ismi; ftakru li Ħal Qormi kien l-ewwel raħal li ngħata l-ġieħ ta' belt. Bħalma jien kont kburi b'li għamilt, hekk ukoll intom għandkom tkunu kburin b'li wettaqtu fl-imgħoddi, b'li qed tagħmlu fil-preżent u b'dak kollu li bi bżulija u għaqal għad tiksbu fil-ġejjieni."



*Ir-razzett li darba kien jeżisti ħdejn it-tribuna ta' Pinto.*